# DEĊIŻJONIJIET
TAL-
## QRATI SUPERJURI TA' MALTA

L-EWWEL PARTI
## QORTI TA' L-APPELL

## L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI.

27 ta' Jannar, 1947.
Imħallfin :
Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.;
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Franceschina Magri pr. et ne *versus* Carmelo Magri**

**Alimenti — Separazzjoni Personali — Tfal — Mara — Patria Potestà — Art. 162, 30, 156 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-miżżewġin ikunu jgħixu mifrudin "de facto" bi ftehim bejniethom, u t-tfal ikunu jgħixu ma' l-omm wa' tul dik is-separazzjoni, il-missier huwa obligat imantni l-mara u t-tfal; u avvolja huwa jkun baqa' nvestit bil-patria potestà fuq it-tfal, ma jistax iwaqqaf il-ħlas ta' l-alimenti, jew jipparalizza kawża li tagħmel il-mara għal dawk l-alimenti, billi jgħid illi jrid jirrikjama t-tfal biex joqgħodu miegħu.*

*Biex jeżerċita dan ir-rikjam tat-tfal huwa għandu jaġixxi b'azzjoni separata, u l-Qorti allura tara l-interess suprem tat-tfal x'ikun jeżiġi, anzi jimponi, li jsir; u dan indipendentement minn kwalunkwe dritt li joħroġ mill-patria potestà jew mill-liġi dwar l-alimenti favur il-missier li jkun irid imantni lill-uliedu billi jżommhom miegħu f'daru.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attriċi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremettiet li l-konvenut kien telaq mid-dar konjugali u sa ftit ilu għadda manteniment lill-attriċi u lill-imsemmija wliedha, però dan l-aħħar bla ebda raġun waqaf milli jkompli jissomministra dan il-manteniment, kif ukoll li l-konvenut huwa tenut jgħaddi lill-attriċi proprio et nomine rata alimentarja u li ma hemm ebda raġuni biex dina tieqaf, kif jekk hemm bżonn ikun espressa-

ment dikjarat: talbet li l-konvenut jiġi kundannat jissomministra lilha u liż-żewġ uliedha fuq imsemmija pensjoni alimentarja f'dak il-mod, żmien u rata li jiġu stabbiliti minn dina l-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa' ngunt jidher ħalli jissubixxi;

*Omissis;*

*Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili* tal-Maestà Tiegħu fil-21 ta' Ottubru 1946, fejn iddikjarat illi l-*konvenut* huwa obligat għall-alimenti versu l-attriċi proprio et nomine, u fl-interess ta' l-attriċi proprio ġie *kundannat* iħallas £20 fis-sena *kera kif qiegħed attwalment* iħallas u £2. 5. 0 fil-ġimgħa bil-quddiem mill-ġurnata taċ-ċitazzjoni għall-għajxien u lbies tagħha, li għandhom jitħallsu f'dar l-attriċi; u in kwantu għall-interess *tal-minuri Maria u Giuseppina* ma hemmx lok li l-konvenut jiġi kundannat iħallsilhom pensjoni alimentarja in vista ta' l-obligu assunt minnu li jirċevihom ġewwa daru sabiex jmantnihom, ilibbishom u jżommhom, salvo dwar it-tifla *Giuseppina li l-konvenut*, jekk jidhirlu, jiddelega d-drittijiet tiegħu tal-patria potestà lis-sorijiet ħalli jkomplu jżommuha fejn qiegħda teduka ruħha u għall-aħjar ġid tagħha; u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal 4/5 mill-konvenut u 1/5 mill-attriċi wara li kkunsidrat;

Illi l-provi fuq l-onestà ta' l-attriċi għandhom jinstemgħu fil kawża tas-separazzjoni personali; illi r-rikjam tat-tfal in bażi għall-artikolu 156 tal-Kodiċi Ċivili huwa kwistjonabili jistax isir "ope exceptionis" jew inkella tibda b'talba quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kontenzjuża; illi t-tfal minuri baqgħu ma' l-attriċi bil-kuntentizza tal-konvenut u għalihom ħaseb sat-18 ta' Lulju 1946; illi għalhekk dan l-allontanament tal-minuri ma kienx kolpuż; illi għalhekk dak ir-rikjam in bażi għad-dritt tal-patria potestà ma jistax jiġi milqugħ;

Illi però, in bażi għall-artikolu 30 ta' l-istess liġi jrid ikun hemm raġuni tajba biex min ikun tenut għall-alimenti joffri l-alimenti in natura ġo daru; illi ma hemmx raġuni l-għala l-lum il-konvenut ma jistax imur lura mill-proposta li qiegħed jagħmel li t-tfal joqgħodu ma' ommhom; illi għalhekk dak id-dispost tal-liġi huwa applikabili għat-tfal minuri, salvo għat-tifla

Giuseppina d-delegazzjoni tad-drittijiet tiegħu lis-sorijiet fejn qiegħda konvitta interna;

Illi dwar l-attriċi l-konvenut qiegħed iħallas £20 kera, u sat-18 ta' Lulju 1946 kien qiegħed jagħti £3 fil-ġimgħa għaliha u għat-tifla Maria; ............. illi għalhekk £2 .5. 0 fil-ġimgħa huma biżżejjed;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u l-petizzjoni tagħha, fejn talbet illi dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn ġie deċiż li ma hemmx lok għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas rata alimentarja lill-attriċi nomine u akkollat xi spejjeż lill-attriċi, billi jiġi kundannat iħallas lill-attriċi nomine rata alimentarja fil-miżura kif jiġi stabbilit minn din il-Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut, u konfermata fil-kumplament;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi fuq l-appell inċidentali, li loġikament, almenu fil-meritu tiegħu, għandu jiġi trattat fl-ewwel lok, il-konvenut appellat jilmenta mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn iddikjarat illi huwa obligat għall-alimenti versu l-minuri kif inhuma rappreżentati mill-attriċi, mentri l-patria potestà hija nvestita fih. Ġie anki assodat mill-Ewwel Qorti illi xi sitt snin u nofs ilu, meta skuppjat il-gwerra ma' l-Italja, il-kontendenti kienu marru jgħixu separatament fuq proposta ta' l-istess appellat, u huwa kien kuntent illi t-tfal imorru jgħixu ma' l-attriċi; infatti huwa ħaseb biex iħallas lill-attriċi l-kera minn dak iż-żmien, kif ukoll kien iħalsilhom pensjoni alimentarja għall-bżonnijiet tagħhom; u dan il-ħlas baqa' jsir sat-18 ta' Lulju 1946. F'dik id-data huwa ma tax iżjed dik il-pensjoni, u allura l-attriċi, li bil-kunsens ta' l-istess konvenut kienet qiegħda tgħix separata bit-tfal magħha, kellha bil-fors taġixxi ħalli tobliga lill-konvenut iħallas pensjoni alimentarja. Veru huwa illi l-patria potestà baqgħet f'idejn il-konvenut, iżda skond il-liġi stess, art. 162 tal-Kodiċi Ċivili, meta jkun hemm konflitt bejn it-tfal u l-missier għandu jiġi nominat kuratur speċjali. Inutili jingħad illi l-konvenut ma għandu ebda konflitt mat-tfal, għaliex minħabba dak l-istat kreat ta' sebgħa snin ilu, la dar-

ba t-tfal qegħdin ma' l-omm, huma għandhom jirċievu l-alimenti minn għand il-missier, salvi d-drittijiet kollha tal-missier għar-rikjam tagħhom, in forza preċiżament tad-dritt tiegħu *tal-patria potestà*; salv dejjem l-interess suprem tat-tfal;

Għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet tajjeb meta nnominat lill-attriċi *kuratriċi "ad litem"* tat-tfal kontra l-konvenut;

Tikkunsidra;

Illi din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel *Qorti* illi għar-rikjam *tat-tfal in forza tad-dritt* tal-patria potestà ma jistax il-konvenut jipparalizza kawża bħal din ta' alimenti, li hija ta' *natura urġenti* minħabba l-oġġett tagħha; iżda għandu jagixxi "ope actionis" biex jirrikjama t-tfal imorru miegħu in forza ta' dak id-dritt *li tagħtih il-liġi*; salv dejjem l-interess tat-tfal. Għalhekk tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti li l-konvenut huwa tenut għall-alimenti versu t-tfal *minuri*;

*Tikkunsidra*;

Illi fuq l-appell prinċipali fil-meritu, l-attriċi tilmenta mill-ewwel *sentenza* illi wara li rriteniet li l-konvenut huwa tenut għall-alimenti versu t-tfal minuri, ma għaddietx għal-kundanna tiegħu *biex* iħallas lill-attriċi nomine pensjoni alimentarja. Ir-raġuni fondamentali li bbażat dik il-parti tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija li l-appellat qiegħed joffri lit-tfal li jmorru jgħixu miegħu, u għalhekk hija applikabili d-dispożizzjoni ta' l-art. 30 tal-Kodiċi Ċivili; iżda dik *id-dispożizzjoni* tgħid espressament illi jekk ikun hemm *raġuni* tajba, il-persuna kreditriċi tista' tirrifjuta tmur f'dik l-abitazzjoni. Barra minn *dan*, f'dawn il-każijiet, *kif* dejjem ġie deċiż mill-ġurisprudenza tagħna, u kif anki reċentement f'kawża simili rriteniet din il-*Qorti* fl-20 ta' Lulju 1946, l-interess tat-tfal huwa suprem f'dawn il-każijiet, u għalhekk il-Qorti għandha tivvaluta ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, biex tara l-interess tat-tfal x'ikun jeżiġi, anzi x'jimponi li jsir, indipendentement minn kwalunkwe dritt li joħroġ minn dak l-artikolu 30 jew minn kwalunkwe artikolu ieħor tal-patria potestà;

F'dan il-każ il-minuri huma żewġ xebbiet, waħda ta' 17-il sena u *l-oħra ta'* 15; din qiegħda konvitta nterna mas-Sorijiet ta' San Ġużepp, u l-oħra qiegħda ma' ommha, għaliex il-kon-

venut stess, meta ħa dak il-pass li jissepara ruħu minn martu, ra li t-tfal ikunu iżjed ikkurati ma' ommhom milli miegħu: diversament ma kienx jieħu dak il-pass u jħallas l-alimenti għalihom. Kieku l-provvediment ta' l-art. 30 jiġi adottat, il-konsegwenza tkun illi xebba ta' dik l-età ta' fuq is-17-il sena ssib ruħha ma' missierha, meta dan ċertament ikun irid ma' tul il-ġurnata jmur għax-xogħol tiegħu; u allura jidher biċ-ċar illi l-interess ta' dik it-tifla jrid illi hija tibqa', almenu għal issa, ma' ommha;

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut qiegħed jallega illi l-kondotta ta' l-attriċi hija tant ħażina illi l-morali tat-tifla tista' ssofri; iżda dana ma jirriżultax f'din il-kawża, u la darba hemm intavolat diġà l-ġudizzju tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dawk il-provi għandhom jinstemgħu f'dik il-kawża. Għalhekk ikun allura l-każ illi dik il-Qorti, li hija nvestita b'dik il-kawża, jekk tara illi l-konvivenza tat-tfal ma' ommhom hija perniċjuża għat-tfal, tkun tista', inattesa din is-sentenza, li hija ta' natura merament provviżorja, tagħti provvedimenti oħra fuq it-tfal;

Tikkunsidra;

Illi l-appell inċidentali fuq il-kap ta' l-ispejjeż mhux bażat. Irriżulta infatti..............;

Għal dawn ir-raġunijiet;

1. Tilqa' l-appell prinċipali ta' l-attriċi, u għalhekk tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attriċi proprio et nomine s-somma globali ta' £3 fil-ġimgħa, bil-mod indikat fl-ewwel sentenza, barra mis-somma ta' £20 għall-kera; u huwa għandu jagħmel libsa għal kull tifla, waħda fix-xitwa u l-oħra fis-sajf, u dan mill-ġurnata msemmija fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu minn għand il-konvenut;

2. Tirrespinġi l-appell inċidentali, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

U għalhekk f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell; salv u impreġudikat kwalunkwe provvediment illi l-Ewwel Qorti, li hija nvestita bil-kawża tas-separazzjoni, tista' tagħti fl-interess tat-tfal, jekk u kif trid il-liġi.